**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Ħal-Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Marius Camilleri**

**Illum, 1 ta' April, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Marius Camilleri, detentur tal-karta tal-identità numru 758060M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fit-23 ta' Marzu 2015, għall-ħabta ta' 18.00hrs ġewwa Triq Nikola Montebello, Ħal Qormi:

*1) Volontarjament ksirt il-bon ordni u l-Paci Pubbliku b'ghajjat u glied;*

*2) b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta regolamenti ikkagunajt hsara ghad-dannu ta' Arnold Sammut li tammonta ghal €150;*

*3) Hebbejt ghal Arnold Sammut u ikkagunajtlu offiza ta' natura hafifa skond ma certifika Dr.Glenn Micallef reg no 3230 mill-P/H/C;*

*4) Bhala sid il-vettura b'numru tar-registrazzjoni ABQ567 tal-ghamla Astra nqast li tara li jkollha dejjem u fkull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita Kompetenti;*

*5) Soqt vettura bin-numru ABQ567 tal-ghamla Astra minghajr ma kont kopert b'polza tal-Assigurazjoni dwar riskji ghal-terzi persuni*

*6) Soqt jew ippermetejt li tithalla vettura tal-ghamla Astra b'numri ta' registrazzjoni ABQ567 tinstaq fi Triq kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qeda tintuza minghajr Licenzja valida mahruga mill Awtorita ta' Transport ta' Malta*

*7) Talli fuq il-vettura tal-ghamla Astra b'numru ABQ 567 qieghedt fl-istess vettura licenzja li kienet mibdula TFI254*

*8) Inqast li tipproduci lill-Pulizija l-polza tas-Sigurta fi zmien skond il-Ligi*

*9) Bhala sid il-vettura Astra b'numru tar-registrazzjoni ABQ567 inqast li twahhal id-diska tal-Licenzja ma naha tax-xellug tal-Windscreen*

*Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lil hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond terminu Kap 65 Art 15 (4) Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll lif'kaz ta' htija tapplika L-Art 383 tal-Kap 9 ghas-Sigurta ta' Arnold Sammut."*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, tressqu provi li kien hemm argument bejn Marius Camilleri u Arnold Sammut. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Godwin Caruana u Matthias Zammit. Kien hemm ukoll persuni li raw tali ġlieda sseħħ, tant li Godwin Caruana xehed fis-sens, li huwa mar iferraq lill-imputat u lil Arnold, u sema' għajjat li kien ġej min-naħa tan-nies l-oħra. Matthias Zammit spjega li huwa kien ġol-garaxx u ħareġ xħin sema' l-għajjat tal-ġlieda li kienet bdiet bejn l-imputat u Arnold Sammut. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata.

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, entrambi huma prosegwibbli bil-kwerela tal-parte ċivile, Arnold Sammut. Fis-seduta tal-4 ta' Frar 2020, Arnold Sammut

iddikjara li huwa ma għandux iktar interess f'dan il-każ, u li kien qed jirrinunzja għal dak kollu li hu rinunzjabbli. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tiddikjara li l-proċediment huwa eżawrit.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, irriżulta mill-affidavit tar-rappreżentant ta' Transport Malta, li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABQ 567, tal-marka Astra Tipper ta' kulur abjad, kellha liċenzja li skadiet fil-31 ta' Jannar 2013, u ġiet rinnovata fil-15 ta' April 2014. Għaldaqstant, din ir-raba' imputazzjoni ma tirriżultax.

Dwar il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, ma jirriżultax mix-xhieda prodotta, li xi ħadd minn dawn ix-xhieda xehed fis-sens, li raw lill-imputat isuq vettura. Lanqas ħadd minnhom ma identifika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-istess vettura, fl-eventwalità li kien hemm vettura li kienet qed tinstaq. L-affidavit ta' PS 362 jagħmel referenza għall-verżjoni mogħtija mill-imputat a tempo verġine, iżda fl-ebda ħin ma hemm indikat, li dan ġie mogħti d-debita twissijiet, kif ukoll id-drittijiet tiegħu. Għalhekk, din il-Qorti lanqas ma tista' tistrieħ fuq tali verżjoni. PS 362 fl-istess affidavit, għalkemm stqarr li mar fuq il-post in kwistjoni, mar wara li seħħ l-akkadut, u għalhekk, ma ta l-ebda xhieda fis-sens, li ra l-vettura in kwistjoni tinsaq, għalkemm stqarr li ra t-trakk ABQ 567 fit-triq. Għaldaqstant, din il-Qorti tqies li ġialadarba ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-vettura ABQ 567, kienet ġiet misjuqa mill-imputat fil-ħin tal-allegat inċident, ma għandhiex triq oħra għajr li tillibera lill-imputat mill-ħames u sitt imputazzjonijiet.

Dwar is-seba' imputazzjoni, din tirriżulta ampjament ippruvata mill-affidavit mressaq minn PS 362, li kien hu stess għamel din il-konstatazzjoni fuq il-post fejn seħħ dan l-inċident.

Dwar it-tmien imputazzjoni, ma tressqux provi fis-sens, li l-imputat ġie mitlub jipproduċi l-polza tas-sigurtà. In fatti, fl-affidavit ta' PS362, ma saret l-ebda referenza għall-fatt li l-imputat ġie mitlub jipproduċi l-polza tas-sigurtà, lill-Uffiċjali tal-Pulizija. Din l-imputazzjoni għalhekk, ma tirriżultax.

Dwar id-disa' imputazzjoni, din il-Qorti tqies li din ukoll ġiet ampjament ippruvata, in vista tax-xhieda kontenuta fl-affidavit ta' PS 362.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qed tastjeni milli tieħu konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, stante li l-proċediment huwa eżawrit, in vista tar-rinunzja da parti tal-kwerelant. Qiegħda tillibera lill-imputat mir-raba', mill-ħames, mis-sitt u mit-tmien imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artiklu 17(1) u (2) (a) u Artiklu 44(3), (6) u (7) tal-Avviż Legali 198/2009, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet, u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250).**

**Maġistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**